MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## JOSEPH A. APAP BOLOGNA

Seduta tat-28 ta' Gunju, 2004

Avviz Numru. 424/2003

**L-Awtorita' Marittima ta' Malta**

**Vs**

**Joseph Paris**

Il-Qorti,

Wara li rat it-talba tal-Awtorita' attrici ghall-kundanna tal-konvenut ghall-hlas tas-somma ta' elfejn mija u erbgha u ghoxrin lira Maltija u erbgha u ghoxirn centezmu (Lm2124.24) dovuti lill-Awtorita' attrici ghal port work provdut fuq ordni tal-konvenut stess, hekk kif jidher minn statement tat-28 ta' Frar 2002, anness mal-avviz u ezebit bhala Dok A. L-awtorita' attrici annettiet wkoll kopja ta' ittra ufficjali mibghuta lill-konvenut datata 20 ta' Marzu 2002, u ezebita bhala Dok B.

Bl-ispejjez, inkluz dawk ta' l-titra ufficjali datata 20 ta' Marzu 2002, kif ukoll l-imghax legali sal-pagament effettiv, kontra l-konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni.

Wara li rat l-annessi dokumenti markati Dok A u Dok B a fol 2 sa fol 5 tal-atti.

Wara li rat in-Nota ta' Mistoqsijiet tal-istess Awtorita' attrici sabiex il-konvenut jwiegeb ghalihom bil-gurament, b'hekk l-istess ammont u spejjes jigu ppruvati (Art 698 u 702 (3) (b) Proc Civili).

Billi ghalkemm notifikat regolarment, il-konvenut naqas u ma deherx fis-16 ta' Gunju 2004 meta gew prezentati l-kapitoli u lanqas llum, in-Nota tal-Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra.

Tiddeciedi billi tilqa t-talba attrici u tikkundanna lill-konvenut sabiex ihallas lill-istess Awtorita' attrici s-somma ta' Lm2124.24,0 bl-imghax legali mill-20 ta' Marzu 2002 sad-data tal-pagament effettib u bl-ispejjes inkluzi dawk tal-ittra ufficjali tal-20 ta' Marzu 2002.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------